MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 2025/2000/1

**Antonella Tonna**

**Vs**

**Roderick Gauci u b'digriet tal-20 ta' Dicembru, 2000 interveniet fil-kawza in statu et terminus s-socjeta' Middle Sea Insurance Plc.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attrici ppremettiet illi fil-25 ta' Awissu tal-1998 ghall-habta ta' l-12.15 a.m., fit-telgha tas-Saqqajja, Rabat, l-attrici sfat imtajra u korruta minn karozza bin-numru JAR 551 li kienet misjuqa mill-konvenut;

Premess illi l-konvenut huwa unikament responsabbli ghall-fuq imsemmi ncident  peress illi dan l-incident sehh unikament tort u htija tal-konvenut, minhabba negligenza, traskuragni, mperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tas-sewqan da parti tieghu;

Premess illi l-attrici sofriet griehi gravi fuq il-persuna taghha bhala rizultat tal-fuq imsemmi ncident, kif jidher mir-rapport li sar mill-Ufficjal tal-Pulizija ta' l-ghassa tar-Rabat (Dok. A) kif ukoll mir-rapport mediku li sar mit-Tabib ta' l-Ghassa ta' l-Isptar San Luqa (Dok. B), u kellha bzonn ta' kura medika minhabba dawn l-istess griehi li sofriet kif jidher mic-certifikat mediku mahrug mit-Tabib Dottor J. Attard (Dok. C);

Premess illi bhala konsegwenza ta' dan l-incident l-attrici sofriet danni konsistenti fi spejjez ta' kuri mehtiega, danni derivanti minn dizabilita' permanenti u danni materjali ohra kif jigi pruvat tul is-smiegh tal-kawza;

Premess illi meta l-attrici sfat imtajjra mill-konvenut hija garrbet hsara kemm fuq *camera* tar-ritratti kif ukoll fl-*istereo* peress li t-tnejn kienu fil-handbag taghha li ccarrat u waqa' ma' l-art bhala konsegwenza ta' dan l-incident;

Premess illi ghalkemm il-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas il-fuq imsemmija danni, anke permezz ta' ittra ufficjali datat 11 ta' Novembru, 1999 (Dok. D), huwa baqa' inadempjenti;

Ghaldaqstant jghid il-konvenut ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara lill-konvenut bhala unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi f'liema sfat midruba l-attrici u dan minhabba negligenza, traskuragni, mperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tas-sewqan da parti tal-konvenut u tad-danni sofferti mill-attrici bhala konsegwenza tal-istess;

2. Tillikwida l-istess danni okkorrendo b'opera ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenut ihallas id-danni kif likwidati mill-attrici;

Salv kull dritt iehor spettanti lill-attrici skond il-ligi.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-11 ta' Novembru, 1999 u bl-ingunzjoni tal-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici a fol. 3 tal-process.

Rat **in-nota ta' l-eccezzjonijet** tal-konvenut Roderick Gauci a fol. 13 tal-process fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati preskritti ai termini tal-Ligi.

2. Illi t-talbiet tal-attrici huma ghal kollox infondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt stante li l-attrici kienet il-persuna li harget ghan-nofs tat-triq u ma sfatx imtajra mill-konvenut u dan kif jista' jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat **in-nota ta' l-ecccezzjonijet** tal-intervenut fil-kawza s-socjeta' Middle Sea Insurance Plc. a fol. 19 tal-process fejn eccepiet:

1. Illi l-incident tat-traffiku li gara fil-25 ta' Awissu, 1998 ghal habta ta' nofs il-lejl gewwa r-Rabat meta sfat imtajra l-attrici, Antonella Tonna, mill-vettura Ford Cortina numru JAR 551 misjuqa mill-konvenut u assikurata mas-socjeta' eccipjenti, ma garax tort u htija tal-konvenut, Roderick Gauci, izda gara unikament tort u htija tal-istess attrici u dana kif sejjer jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

2. Illi stante li dan l-incident gara tort tal-istess attrici, t-talbiet taghha ghandhom jigu respinti bl-ispejjez.

3. Salve eccezzjonijet ohra.

Rat il-verbal a fol. 27 li bih l-konvenut irtira l-eccezzjoni dwar il-preskrizzjoni.

Rat id-digriet a fol. 30 li bih gie nominat Mr. C. Swain biex jirrelata dwar id-dizabilita’ ta’ l-attrici;

Rat ir-relazzjoni tieghu a fol. 61;

Rat in-noti a fol. 67 u 84;

Rat li ma ntalbux esperti addizzjonali ghalkemm saru noti f’dan is-sens;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti tal-partijiet;

**KONTESTAZZJONI**

Skond l-attrici u x-xhieda minnha prodotti jirrizulta li l-attrici u l-*boyfriend* taghha Andrew Ransley ghal habta tal-kwarta ta’ filghodu tal-25 ta’ Awissu, 1998 kienu telghin wara xulxin it-tela’ tas-Saqqajja magemb il-karozzi pparkjati fuq il-bankina. Quddiemhom kien hemm grupp ta’ zghazagh ohra ukoll telghin it-triq u warajhom kien hemm Nicholas Portelli. Dawn kollha kienu ghaddejin mit-triq billi l-karozzi pparkjati fuq il-bankina ma hallewlhomx minn fejn jghaddu hlief mit-triq (ara skizz). Fit-triq kienu telghin u nezlin karozzi. F’daqqa u l-hin il-karozza tal-konvenut dahlet fuq l-attrici u tajritha ghal ma l-art u waqfet aktar l-isfel quddiem it-Tattingers. L-attrici xehdet li hija meta waslet ma gemb it-tielet karozza li kien hemm ipparkjata ma tafx x’gara aktar ghaliex il-karozza li tajritha lanqas biss rahtha gejja.

Skond il-konvenut meta kien niezel in-nizla tas-Saqqajja bdew hergin nies mit-Tattingers u ma setghux jimxu fuq il-bankina u bilfors kellhom jghaddu mit-triq. Kien hemm

grupp ta' hamsa minn nies u l-attrici kienet f'nofshom. F'daqqa wahda l-*windscreen* gieh qiesu stilla kif qabez il-karozza pparkjata u giet forma ta' idejn. Dak il-hin hu zamm il-*brake* bil-hasda. Skond il-konvenut l-incident gara meta dawn il-hamsa minn nies ppruvaw jghaddu bejnu u bejn il-karozza pparkjata.

Skond il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati "ma hemmx dubbju li *pedestrian* huwa ntitolat ghall-ezercizzju ta' *reasonable care* da parti tad-*drivers*, anke meta jinzlu mill-bankina u jkunu fil-*carriageway*, u ghalhekk il-fatt li *pedestrian* kien fil-*carriageway* ma jezonerax lid-*driver* mill-htija, jekk dan id-*driver* ma jkunx uza *reasonable care*" App Krim P vs C Demicoli Vol 37 p 4 p 1157.

"M'hemmx presunzjoni li *pedestrian* ghandu dejjem ragun. Imma lanqas m'ghandu jitqies bhala intruz" App Civ. Bongailas vs Mercieca Vol L1 p 15.

"*When pedestrians are walking near the kerb on the near side pavement,* a safe margin *should be left available in case they suddenly step out into the road*" M.V.R No. 63; Pul vs Hoare Vol 40 p 1297.

Illi ghalkemm fix-xhieda taghhom quddiem il-Qorti l-partijiet xehdu u ftakru hafna dettalji, u dana wara xi sitt snin mill-incident, skond ma hemm imnizzel f'l-okkorrenza, li saret a *tempo vergine*, jidher li la l-konvenut u lanqas l-attrici ma kienu raw lill xulxin qabel l-incident u ma setghux jispjegaw ezattament ghaliex gara l-incident. L-attrici qalet li *she walked pass the hot dog stand and three parked cars, when she suddenly got hit by a car coming downhill*; mentri l-konvenut qal li *all he knows was that while he was driving along he saw the said victim kick his vehicle and her hand on his windscreen.*

Apparti l-partijiet involuti fl-incident hemm ix-xhieda ta' Andrew Ransley il-*boyfriend* ta' l-attrici, Nicholas Portelli li nzerta ezatt wara l-attrici u z-zewg passiggiera li kienu fil-karozza tal-konvenut.

Dwar dawn l-ahhar tnejn il-Qorti hi tal-fehma li x-xhieda taghhom m'hiex kredibbli ghal diversi ragunijiet. Dawn iz-zewg passiggiera kienu fuq il-parti ta' wara tal-karozza tal-konvenut u mentri l-konvenut stess ma rahx x'ghamlet l-attrici u ma jrnexxilux jispega kif gara l-incident, dawn it-tnejn xehdu li rawh lill attrici taqsam ghall gharrieda u taqsam f'nofs it-triq, liema versjoni ta' l-incident ma giet riskontrata mkien iehor, lanqas fl-okkorrenza tal-pulizija. MaryRose Borg xehdet li ma ratx nies mexjin fit-triq mentri jirrizulta li l-attrici kienet ghaddejja fit-triq. Catherine Mifsud xehdet li l-attrici harget mill-bieb tat-Tattingers u baqghet hierga ghan-nofs it-triq meta fil-fatt l-attrici kienet diga harget mit-Tattingers meta gara l-incident. Mill-iskizz jirrizulta li l-incident sehh hafna aktar l fuq minn dan il-bieb tat-Tattingers u li bid-daqqa l-attrici spiccat taht karozza li wkoll kienet aktar 'l fuq mill-bieb tat-Tattingers.

Dwar kif gara l-incident il-Qorti hi disposta li taccetta dak li qal ix-xhud Andrew Ransley. Dan xehed li kien tiela t-tela' tas-Saqqajja u warajh kellu lill attrici li kellha idha l-leminija f'idejh il-leminja. Ransley kellu idu lura u hin minnhom ra dawl ta' karozza gejja (tal-konvenut) u dina l-karozza **<u>ghaddiet zbrixx</u>** minn mieghu u ezatt wara sema hoss ta' karozza qeda tibbrekja u hares lura u hass lill attrici titlaqlu jdejh u raha tittajjar minn mal-gemb tal-karozza u taqa' ma l-art. Skond Ransley l-attrici giet imkaxxkra mill-karozza t-tul tat-tlett karozzi li hemm fuq l-iskizz ( ara fol. 78). Din il-versjoni giet korroborata mix-xhud Nicholas Portelli li kien wara l-attrici u Ransley meta dan qal li fit-triq kienu ghaddejin numru ta' karozzi meta fid-daqqa u l-hin karozza minnhom (tal-konvenut) dahlet fuq l-attrici u tajritha ghal ma l-art.

Ghalhekk jirrizulta li l-incident gara meta l-konvenut ghadda vicin wisq minn fejn kien hemm in-nies telghin it-telgha tas-Saqqajja minn taht il-bankina minghajr ma zamm *a safe margin* minnhom. Il-konvenut kien jaf li kien hemm dawn in-nies fit-triq u fil-fatt kien diga ghadda grupp iehor ta' zghazagh qabel u ma laqathomx izda meta wasal hdejn Ransley ghaddha vicin wisq tieghu bi sbrixx u wara laqat lill attrici li kienet warajh. Skond il-konvenut l-attrici kienet fil-grupp ta' zghazagh f'nofshom u dana ma

jispjegax kif laqatha jekk hija kienet f'nofshom. Ma jirrizultax li f'xi mument l-attrici ghamlet xi moviment subitaneju, bhal harget ghall gharrieda f'nofs it-triq b'mod li setgha holoq xi emergenza lill konvenut.

Il-konvenut kellu dover li juza *a reasonable care-full look out* ghall *road users* l-ohra inkluzi l-*pedestrians*.

Fil-kaz Newhous vs Bastion Insurance Company (Qorti t'Afrika t'Isfel) gie deciz li il-*proper look out* hija ferm aktar milli sewwieq ikun qed ihares il quddiem jew li jkollu viswali cara izda s-sewwieq irid ikollu "*an awareness of his immediate vicinity*" u cjoe li s-sewwieq irid ikun jaf x'qed jigri madwaru u mhux semplicement ihares il quddiem b'mod cass jew isuq bil-mod, (ara wkoll P. Spiteri vs R.Caruana App 5/10/98; Maria Vella Galea vs Oreste Sammut App 5/10/98; Dr.Remigio Zammit Pace noe vs T.Catania P.A. 26/11/87; Dr. Remigio Zammit Pace vs C.Grima App Inf. 16/5/97; A Gatt vs M.Shephard App Inf 7/5/98).

F'kaz bhal dan jibqa' dejjem validu l-monitu illi hu obbligu ta' kull *driver* li jirregola s-sewqan skond il-kondizzjonijiet u cirkostanzi, bhal ma huma l-hin ta' bil-lejl, il-vizwali ostakolata bid-dlam u bix-xita, l-istat tal-art, il-volum tat-traffiku u rapporti ohra kontingenti (ara **Vol XLVI pI p112**). Fin-nuqqas ikollu jwiegeb ghall-imprudenza tieghu meta jsehh incident stradali.

Fil-kaz in ezami l-konvenut ma kienx qieghed juza dak il-grad ta' attenzjoni u diligenza necessarja fic-cirkostanzi prevalenti dak in-nhar ta' l-incident.

Inoltre jirrizulta wkoll li l-konvenut kien ghaddej bi *speed* eccessiv ghal lokalita u cirkostanzi ambjentali. Hu halla *brakemarks* ta' 10 *metres*. Kuntrarjament ghall dak li qal il-konvenut, WPS Liliana Mifsud ikkonfermat li dawn il-*brakemarks* kienu proprju dawk li halla l-konvenut bil-vettura tieghu. Lanqas ma hu verosimili dak li xehed il-konvenut li huwa kien ghaddej bl-engine brake u bil-kemm jiccaqqlaq ghax kieku ma kienx ihalli l-*brakemarks* li halla

u jispicca fejn spicca quddiem it-Tattingers il-boghod minn fejn tajjar lill attrici. Hu kien ghaddej bi *speed* li kien imprudenti minhabba c-cirkostanzi ambjentali tal-mument. L-iskuza tan-nida hija nvenzjoni tal-mument tal-konvenut u ma ssib ebda riskontru imkien. Il-konvenut kellu d-dover li jsuq verament bil-mod, meta kien f'nizla, fi triq li tidjieq ghall *bottleneck*, li kienet imdalma u fejn kellek nies li ghaddejin mhux  fuq il-bankina izda fit-triq. Il-konvenut mhux biss kien ra dawn in-nies, imma xi nofs siegha qabel l-incident kien diga nnota dan il-fatt (ara fol. 106). Hu kien ra l-karozzi pparkjat fuq il-bankina u n-nies ghaddejin magembhom.  Tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi  kollha imsemmija l-konvenut kellu jzomm livell ta' prekawzjoni u attenzjoni aktar gholi mis soltu u jsuq aktar bil-mod.

Fic-cirkostanzi l-konvenut kellu dmir li jsuq bi *speed* baxx biex ikun jista jilqa' ghall kull imprevvist  li jista' jsib ruhhu rinfaccjat bih.  *Speed* perikoluz ma jiddependiex unikament minn l-eccessivita' tieghu, imma anke minn cirkostanzi ohra li jkunu partikolari ghal-kaz (ara Vol 29 p 639). Fil-kaz in ezami l-konvenut dana m'ghamlux u dana jirrizulta kif diga nghad mill fatt li halla *brakemarks* ta' 10 metri warajh, tajjar lill attrici ghal tul ta' karozza u lanqas irnexxilu jieqaf izda waqaf il-boghod minn fejn sehh l-impatt.

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li l-incident gara unikament tort tal-konvenut. L-attrici ma kellha ebda tort. Ma giex pruvat u  ma jirrizultax li hija qasmet fin-nofs tat-triq ghal gharrieda quddiem il-konvenut. Il-konvenut kien jaf li kien hemm in-nies fit-triq, fosthom l-attrici, u kien rahom qabel gara l-incident.

**Danni**

Skond l-artikolu **1045** tal Kodici Civili l-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gab direttament lill-parti li tbati l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacità ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-ghemil seta' jgib.

*Damnum emergens*

Bhala *damnum emergens* l-attrici qed titlob l-spejjez ta' *handbag* li kienet qed iggor (valur ma nghatax) u li tqatta ma l-incident u *camera* (Dok G fol 47 Lm122 ) *stereo face* (Lm120 Dok H a fol. 48) li kienu fil-*handbag* u li gew danneggjati. Hi xehdet li kienet tixtri *creams* ghall wiccha fuq parir ta' Dr. Darmanin izda ma ezebiet ebda ricevuta ta' dawn l-ispejjez. Fin-nota taghha l-attrici stqarret li l-ammont ta' Lm242 hu t-telf materjali li gie kagjonat direttament lilha.

*Lucrum Cessans*

Il-Qorti kienet innominat lill Mr. Charles Swain biex jezamina lill attrici u jiddikjara jekk hija kelliex xi disabilita' permanenti. Mr. Swain xehed (ara wkoll rapport a fol. 61) li l-attrici sostniet griehi f'wiccha u f'ghonqa u *concussion* minuri fl-incident. Illum tista' tghaddi hajja normali. M'ghandha ebda dizabilita' fizika imma c-cikkatrici li baqa' huma permanenti u baqghu jidhru. Hemm sfregju permanenti u meta tikkunsidra ukoll l-element psikologiku f'kaz bhal dan id-dizabilita' permanenti hija ta' 4%. Hu ra lill attrici tlett snin wara li kien irrilaxxja c-certifikat Mr. Darmanin fejn taha 10% u wara l-feriti ta' l-attrici kienu qed ifiequ.

L-attrici twieldet fil-1979 u meta sehh l-incident kellha 19 il-sena u kawza ta' dana l-incident baqghet bi sfregju f'wiccha.

Skond il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati, id-debilita' permanenti mhux necessarju li tkun wahda fizika li timmenoma l-persuna fil-possibilitajiet taghha ta' xoghol minhabba limitazzjoni fil-funzjoni ta' xi organu. Setghet ukoll tkun debilita' psikika li timmanifesta ruhha f'kondizzjoni li negattivament tinfluwenza l-kapacita ghax-xoghol ta' l-individwu…… Bizzejjed jitqies l-kaz ta' tfajla li ssofri sfregju f'wiccha li jkun biz-zmien rimedjabbli imma li jaffettwalha permanentement il-*psike* taghha (P.Sultana vs A. Abela Caruana 15/1/2002).

Fil-kaz in ezami l-attrici hi studenta tal-ligi u tali professjoni tirrikjedi grad gholi ta' kunfidenza u apparenza.

L-attrici qed tippretendi li fil-kaz taghha ghandu jigi applikat *multiplier* ta' 42 sena u stiednet lill Qorti ma tiehux in konsiderazzjoni l-principju tal *chances and chages of life* billi l-Qrati Maltin m'ghadhomx japplikawh. Il-konvenut ma qabilx ma dawn it-talbiet kif hemm fin-nota tieghu. L-attrici qed tippretendi inoltre li d-danni jinhadmu fuq salarju ta' bejn Lm5,000 u Lm60,00 fis-sena. L-attrici mhiex qed taqbel li ghandu jittiehed bhala bazi ghall kalkolu l-4% li taha l-espert mediku nominat mill-Qorti Mr. Swain.

Kwantu ghall persentagg ta' dizabilita' l-Qorti ser toqghod fuq dak li kkonkluda l-espert nominat minnha.

L-istitut tal-prova permezz ta' perizija huwa intiz sabiex l-Qorti tkun tista' tistabilixxi fatti rilevanti ghall-mertu ta' kawza illi jkunu ta' natura tali illi jirrikjedu tahrig jew taghlim specjali jew specjalizzat appuntu sabiex jigu determinati. Generalment konkluzzjonijiet peritali jistghu jigu attakkati bin-nomina ta' periti perizjuri jew b'produzzjoni ex parte ta' esperti fil-materja.

Fil-kaz in ezami l-attrici kienet ipprezentat nota (ara fol. 84) biex jigu nominat periti addizzjonali izda dina t-talba ma gietx segwita ulterjorment.

L-artikolu 681 tal-Kap 12 jistabilixxi li l-Qorti m'hiex marbuta li taccetta l-konkluzzjonijiet tar-rapporti tal-periti kontra l-konvinzjoni taghha nfisha pero' gie stabilit ukoll li "r-rapport tekniku huwa kontrollabbli mill-gudikant bhal kull prova ohra" N. Ellul vs Mary Caruana P.A. 28.2.2002 u ghandu jigi skartat mill-Qorti meta jkun jidher "sodisfacentement illi l-konkluzzjonijiet peritali huma fil-kompless kollha tac-cirkostanzi, irragjonevoli" G. Bugeja vs E. Muscat et App 23.6. 1967 L1-1-390 jew li jezistu bizzejjed "ragunijiet li gravament ipoggu fid-dubbju l-opinjoni teknika lilha sottomessa. P.Grima vs C.Mamo App 29.5.1998.

Fil-kaz in ezami s-sottomissjonijiet maghmula mill-attrici ma jistghux jinghataw l-piz intiz mill-attrici billi dawn qeghdin isiru f'kuntest fejn il-Qorti - priva minn taghlim xjentifiku sabiex tapprezahom ahjar mill-perit nominat minnha - ma tistghax taghtihom apprezzament divers ghal dak moghti mill-istess perit mediku. Certament is-sottomissjonjijiet tal-attrici ma humiex tali li jinewtrallizaw il-konkluzzjonijiet peritali jew urew li huma irragjonevoli.

Kwantu ghal *multiplier* li dan ghandu jigi aggustat sabiex jirrifletti r-realta' odjerna, u aspettativa iktar ekwa u konformi mal-gustizzja effettiva, tenut kont dejjem tac-cirkostanzi kollha tal-kaz in partikolari u nkluz ic-*changes and chances* tal-hajja b'dan li l-Qorti ma tkunx marbuta ma xi massimu prestabbilit. Fil-kaz in ezami l-Qorti hi tal-fehma li ghandu jittiehed multiplier ta' 35 sena u dana meta tqies ukoll li l-attrici ghada ma bdietx tahdem regolarment.

Bhala salarju l-Qorti tqies li ghal persuna fic-cirkostanzi ta' l-attrici, salarju ta' Lm5,000 fis-sena hu wiehed ekwu u gust.

Kwantu ghall tnaqqis ghall *lump sum payment* il-Qorti li minhabba t-trapass taz-zmien (1998 data ta' l-incident - u 2004 meta ser tinghata s- sentenza fil-prima istanza) ghandu jkun hemm tnaqqis ta' 8% . Fil-kawza Caruana vs Camilleri PA JSP 5/10/93 u PA Desira vs Cassar 13/1/95 l-persentagg ta' 20% ghall lump sum payment kien gie ridott b'rata ta' 2% kull sena mid-data ta' l-incident.

| **Qliegh** | **Multiplier** | **Dizabilita'** | **Lump Sum** | **Total** |
|---|---|---|---|---|
| **Lm5,000 x** | **35 sena x** | **4%** | **8%** | **Lm6,440** |

**Damnum Emergens Lm242**
**Lucrum Cessan Lm6,440**
**Total Lm6,682**

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi;
il-Qorti tiddeciedi
billi tiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident fuq imsemmi, u ghad-danni kollha konsegwenzjali sofferti mill-attrici;

Tillikwida dawn id-danni sofferti mill-attrici fl-ammont ta' sitt elef, sitt mija u tnejn u tmenin lira Maltin (Lm6,682) u tikkundanna lill konvenut ihallas l-ammont hekk likwidat lill attrici

Bl-ispejjes kontra l-konvenut u bl-imghax mid-data tas-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------